FORUM
MALTA FL-EWROPA

280, Republic Street,
Valletta
☏ (+356) 25909192
🖷 (+356) 21227580
💻 forum@gov.mt

**PRESS RELEASE**
TNEDIJA TA' L-*EBTP* F'MALTA – PRESS LAUNCH – RADISSON ST. JULIAN'S

# In-negozji Maltin jistgħu jgħidu tagħhom direttament lill-UE…

*… u jinfluwenzaw il-liġijiet Ewropej qabel dawn isiru*

In-negozji Maltin għandhom l-opportunità li jiġu konsultati direttament u jsemmgħu leħinhom quddiem l-Unjoni Ewropea. Dan grazzi għall-*European Business Test Panel*, l-*EBTP*, inizjattiva ta' konsultazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea li ġiet imnedija f'Malta mill-Forum Malta fl-Ewropa bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Kummerċ.

Permezz ta' din l-inizjattiva, li għandha l-appoġġ sħiħ ta' seba' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-komunità tan-negozju f'Malta, il-Kummissjoni Ewropea tikkonsulta direttament mas-sidien u mad-diriġenti tan-negozji dwar diversi materji qabel ma tfassal il-proposti tagħha għal-leġislazzjoni. B'dan il-mod il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tikkunsidra l-effett li l-proposti tagħha jistgħu jħallu fuq in-negozji madwar l-Unjoni Ewropea qabel ma tilleġisla.

L-*EBTP* tnieda f'Malta f'konferenza ta' l-aħbarijiet indirizzata minn Michael Frendo, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, u minn Ċensu Galea, il-Ministru tal-Kompetittività u Komunikazzjoni. Tkellmet ukoll Dr Gabriella Pace, il-Kap Eżekuttiv tal-Forum Malta fl-Ewropa li qed jieħu ħsieb it-tnedija tal-*EBTP* u l-operat tiegħu, liema *panel* se jkun kordinat mid-Diviżjoni tal-Kummerċ.

Rappreżentanti tal-komunità tan-negozju u l-kummerċ f'pajjiżna – li jinkludu l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, il-Federazzjoni ta' l-Industrija u l-Kamra tal-Kummerċ u l-Intrapriża kif ukoll il-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija – laqgħu l-inizjattiva b'entużjażmu u se jgħinu lill-Forum fil-promozzjoni ta' l-*EBTP* fost il-membri tagħhom. Magħhom ingħaqdu wkoll l-Assoċjazzjoni Maltija tar-Ristoranti u l-Lukandiera, il-*General Retailers and Traders Union* kif ukoll l-Assoċjazzjoni Turistika Għawdxija.

Kull pajjiż fl-UE hu mħeġġeġ li jirreġistra għadd ta' negozji ta' kull tip fuq il-*panel*. Kumpaniji u negozji li jiddeċiedu li jieħdu sehem jibdew jipparteċipaw

f'bejn sitta u tmien konsultazzjonijiet fis-sena, li lkoll isiru *online* permezz ta' l-*internet.* Kull negozjant iwieġeb għall-kwestjonarju skond kif iħoss hu mingħajr ma għandu għalfejn jgħaddi t-tweġibiet tiegħu lil xi awtorità f'Malta. B'dan il-mod in-negozjant iħossu f'libertà akbar li jwieġeb kif irid, skond kif jaqbel lilu. B'hekk ikun qed jgħid tiegħu dwar diversi oqsma li dwarhom issir il-konsultazzjoni. Dan iwassal lill-Kummissjoni biex tikkunsidra dawn il-ħsibijiet ta' l-operaturi fin-negozju qabel ma tfassal proposti għal liġijiet ġodda. Il-konsultazzjoni tvarja minn suġġetti bħall-VAT u t-tassazzjoni, għat-tnaqqis ta' xkiel burokratiku kif ukoll it-trażżin tad-diskriminazzjoni fost oħrajn.

L-informazzjoni u d-dettalji kollha li jingħataw lill-Kummissjoni Ewropea jinżammu b'mod kunfidenzjali biex jitħares l-interess kummerċjali tan-negozji reġistrati fil-*panel.* Tant hu hekk li r-riżultati ta' kull konsultazzjoni li ssir jiġu ppubblikati b'mod kollettiv u bl-ebda mod ma jikxfu xi informazzjoni partikolari dwar xi kumpanija jew oħra.

Fuq kollox il-kumpaniji u n-negozji li jagħżlu li jirreġistraw fl-*EBTP* u jibdew jieħdu sehem f'dawn il-konsultazzjonijiet, ikunu jistgħu jagħmlu dan bla ebda spejjeż jew ħlasijiet. L-*EBTP* hu kollu b'xejn tant li diġa rreġistaw aktar minn 3,600 kumpanija jew negozju minn madwar l-UE. Il-lista ta' negozji li huma reġistrati u li jistgħu jirreġistraw tvarja ħafna kemm fid-daqs u l-għadd ta' impjegati kif ukoll fl-operat kummerċjali: minn parrukkiera sa kuntratturi, minn dulċiera sa kumpaniji kbar, minn *mechanics* sa fabbriki u ħafna oħrajn.

F'kelmtejn li għamlet Dr Gabriella Pace, waqt li saħqet dwar il-funzjoni konsultattiva li għandu l-FME, qalet li bl-*EBTP* in-negozji Maltin jistgħu jgħidu tagħhom direttament lill-UE u jinfluwenzaw il-liġijiet Ewropej qabel dawn isiru. Hi appellat lin-negozji Maltin sabiex jilqgħu din l-inizjattiva għall-ġid tagħhom. Xhieda ta' dan hu l-appoġġ li qed juru r-rappreżentanti tan-negozjanti u l-kummerċ fil-pajjiż. Dawn l-istess rappreżentanti se jlaqqgħu lill-membri tagħhom 'il quddiem biex ifehmuhom aktar dwar l-*EBTP* u jassistuhom fir-reġistrazzjoni tan-negozju tagħhom.

Fl-indirizz tiegħu l-Ministru Michael Frendo tkellem dwar l-importanza tas-sehem ta' kull settur mis-soċjetà ċivili biex Malta tagħti sehemha b'mod aktar effettiv f'kull livell u struttura ta' l-UE. Michael Frendo saħaq dwar l-importanza tal-konsultazzjoni f'kull livell u sostna li aktar ma l-intervent isir kmieni aktar ikun aħjar fit-tfassil tal-politika Ewropea. Hu awgura li l-inizjattiva ta' l-*EBTP* tagħti riżultati pożittivi u ħafna frott lill-komunità kummerċjali f'pajjiżna.

Intant f'kelmtejn li għamel il-Ministru Ċensu Galea iddeskriva l-*EBTP* bħala għodda effettiva fid-dawl ta' regolamentazzjoni u leġiżlazzjoni aktar effettiva u ta' inqas piż fuq in-negozju. Qal li l-Gvern hu mpenjat li jara li l-leġislazzjoni tkun immirata lejn il-kompetittività, bl-għan ewlieni jkun dak li l-ekonomija ssir aktar dinamika u kompetittiva kif tirrikjedi l-Istrateġija ta' Liżbona. Fakkar kif il-konsultazzjoni saret parti integrali mill-ħidma tal-Gvern u għalhekk l-*EBTP* għandu jitiqies bħala inizjattiva kumplimentari din id-darba fuq livell Ewropew.

Kull min hu interessat għandu jikkuntattja direttament lill-FME fuq 25909192 jew permezz ta' l-email lil Cleavon Vella, responsabbli mill-operat ta' l-*EBTP* f'Malta, fuq cleavon.vella@gov.mt

Call out: *Rappreżentanti tal-komunità tan-negozju u l-kummerċ laqgħu l-EBTP b'entużjażmu u se jgħinu lill-FME fil-promozzjoni fost il-membri tagħhom*